Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1720/2002

Mario D'Agostino

Vs

Dragonara Casino Ltd

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li s-socjeta konvenuta jew taghti lill-attur tlett ijiem ohra paid leave ghal din is-sena jew thallsu ghal tlett ijiem li naqqsitlu mill-leave entitlement tieghu ghal din is-sena u li s-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-ispejjez tal-attur fil-kawza fl-istess ismijiet (nru 171/02) deciza fit-18 ta' Marzu 2002.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta [fol. 6] li permezz taghha gie eccepit:-

1. In-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal.
2. It-talba ghall-hlas ta’ spejjez ta’ kawza ohra ma jistghux jiffurmaw parti minn talba ta’ kawza ohra u dan peress li t-Tribunal diga’ ddecida kif ghandhom jithallsu l-ispejjez u l-ligi tistabilixxi kif ghandhom jingabru tali spejjez.

Ra s-sentenza *in parte* moghtija mit-Tribunal fid-29 ta’ Novembru 2002 [fol. 19 – 21] li permezz taghha t-Tribunal laqgha l-eccezzjoni limitatament in kwantu gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata taghti tlett ijiem leave lill-attur.

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Fir-rigward ta’ l-ispejjez gudizzjarji li qieghed jintalab il-hlas permezz ta’ dawn il-proceduri, m’hemmx x’wisq jinghad. L-ispejjez jirreferu ghall-kawza fl-ismijiet **Mario D’Agostino vs Dragonara Casino Ltd** [Avviz 171/02AE] deciza fit-18 ta’ Marzu 2002 (kopja ta’ liema hija esebita a fol. 13 – 14 tal-process). F’dik is-sentenza jinghad espressament li t-Tribunal *“jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri (ghat-tenur ta’ l-Artikolu 10 tal-Kap. 380)”*. Jekk is-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx l-ispejjez akkordati permezz ta’ l-imsemmija sentenza, allura l-attur irid jirrikorri ghal mezzi li toffri l-ligi biex jenforza t-titolu ezekuttiv [igifieri s-sentenza]. Ma jistax jintavola kawza mill-gdid, u l-kwistjoni ta’ l-ispejjez li saru fil-kawza fuq imsemmija hija llum gudikat u ma tistax tigi varjata.

Ghalhekk hemm lok li tigi milqugha t-tieni eccezzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta u l-attur m'ghandux il-jedd li jitlob il-hlas tas-somma ta' disa' u erbghin lira Maltija (Lm49) [ara fol. 15 u 16] permezz ta' din il-kawza.

2. Tibqa' l-kwistjoni dwar il-hlas ta' tlett ijiem leave li skond l-attur gie kostrett li jiehu mil-leave entitlement li ghandu ghas-sena 2002.

3. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Il-konvenut huwa mpjegat bhala wejter mas-socjeta konvenuta [fil-Casino];

(b) Matul is-sena 2001 [f'Lulju] l-attur inghata erbat ijiem (fil-fatt kienu tlett ijiem) leave li skond hu gie mgieghel jehodhom;

(c) Matul is-sena 2000 il-konvenut kien intitolat ghal 49 gurnata leave izda ghamel uzu minn 44 gurnata. Il-bilanc [hamest ijiem] zdied mal-leave tas-sena 2001, biex b'hekk matul is-sena 2001 kellu 54 gurnata leave.

(d) Matul is-sena 2001 il-konvenut ha b'kollox 57 gurnata leave. Skond ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta [Anthony De Giovanni] bi zball inghataw lill-attur tlett ijiem leave zejda.

(e) Fix-xahar ta' Lulju 2001 kien hemm gimgha li fiha kellu johrog bil-leave impjegat iehor izda *"ahna ddecidejna illi dik il-gimgha leave tinghata lill-attur"* [fol. 50 – xhieda ta' Emanuel Zammit li huwa s-superjur ta' l-attur]. Ix-xhud ikkoregga ruhu fis-sens li l-attur intalab johrog bil-leave ghal tlett ijiem biss. L-attur obda l-ordni ghalkemm ma kienx talab hu li johrog bil-leave.

(f) Skond il-*collective agreeement* li japplika ghall-haddiema tas-socjeta konvenuta: ***"the company may request all but five days of the vacation leave***

***entitlement to be planned twelve months in advance. Ten days leave will be regarded as optional leave which need not be planned in advance"*** [fol. 33]. Fl-istess ftehim jnghad ukoll li ***"annual leave is to be taken in accordance with Company procedures and leave will be granted in accordance with the exigencies of service"***.

(g) Mix-xhieda ta' Emanuel Zammit jirrizulta li fir-rigward tal-leave il-procedura li tintuza fuq il-post tax-xoghol hija li impjegat jinghata l-leave proprju skond l-esigenzi tas-servizz. Dan ix-xhud ikkonferma li, *"mhux l-ewwel darba illi David Grech jaghtini struzzjoni biex nohrog persuna partikulari bil-leave"*. Interessanti li meta l-attur gie mitlub jiehu tlett ijiem leave matul ix-xahar ta' Lulju 2001, ma rrizultax li kien hemm xi dizgwid bejn il-partijiet. Indikazzjoni li din kienet prassi accettata fil-kumpannija konvenuta ghalkemm idejalment il-granet tal-leave ghandhom ikunu jew ippjant mill-bidu tas-sena jew jinghata option lill-impjegat mehud izda in konsiderazzjoni ta' l-esigenzi tas-servizz.

(h) Il-kwistjoni dwar dawn it-tlett iijem tidher li nqalghet fix-xahar ta' Novembru 2001 meta l-principal naqas mill-paga ammont ekwivalenti ghal dawn it-tlett ijiem.

(i) Matul is-sena 2002 tnaqqsu tlett ijiem mil-*leave entitlement* tal-attur biex jaghmlu tajjeb ghat-tlett ijiem zejda li nghata matul is-sena 2001. Originarjament it-tlett ijiem leave zejda li l-attur ha matul is-sena 2001 inqatghu mill-paga izda sussegwentement [wara li l-attur intavola proceduri quddiem dan it-Tribunal] mill-leave entitlement ta' l-attur ghas-sena 2002.

Mill-provi rrizulta li l-attur ghamel uzu mit-tlett ijiem leave li taghhom qieghed jitlob kumpens. Huwa minnu li l-leave ma hadux ghaliex riedu izda ghaliex kienet harget ordni f'dan is-sens mis-socjeta konvenuta. Ghalhekk ifisser li matul is-sena 2001 l-attur inghata tlett ijiem leave zejda. Huwa fatt li jekk tigi milqugha t-talba ta' l-attur ikun ifisser

li huwa ser ikun arrikkixxa ruhu minn tlett ijiem leave zejda. Huwa minnu wkoll li t-tlett ijiem leave li ha matul ix-xahar ta' Lulju 2001 ma applikax ghalihom huwa, izda l-*collective agreement* ighid cjar u tond li l-*leave* jittiehed skond l-ezigenzi tal-principal. Fis-sentenza moghtija fil-21 ta' Ottubru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Onor. Imhallef P. Sciberras] fil-kawza fl-ismijiet **Joseph C. Agius vs Avukat Dottor Richard Galea Debono noe** jinghad:- *"huwa pacifiku illi 'ftehim kollettiv ghandu bhala oggett li jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xogol ta' l-impjegati' u inoltre ftehim bhal dan 'jippresupponi dejjem li almenu meta jigi ffirmat, dan ikun maghmul f'isem il-maggoranza (hamsin fil-mija u wiehed) ta' l-impjegati'. Ghalhekk ukoll hu meqjus bhala kuntratt, u allura 'ghandu jigi rispettat u osservat fit-termini tieghu kif jesprimu l-volonta' taz-zewg kontraenti…' – Angelo Fenech nomine vs Joseph N. Tabone nomine, Appell Civili, 13 ta' Marzu 1995"*. Mill-provi ma rrizultax li l-leave li nghata lill-attur matul ix-xahar ta' Lulju 2001 kien il-frott ta' xi kastig. L-ekwita, principju li huwa marbut li josserva dan it-Tribunal, ma jippermettix li jinghata kumpens ghal granet xoghol li wara kollox l-attur ma hadimx.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jichad it-talba ta' l-attur.

Spejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu minghajr taxxa.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------